# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 7**

**Appell numru 292/2020/1**

**Sandro Caruana**

***v.***

**Kunsill Lokali Marsa u**
***WM Environmental Limited (C 53505)***

1. Dan huwa appell ta' Sandro Caruana ["Caruana"] minn deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2020 tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ["il-Bord ta' Reviżjoni"], imwaqqaf taħt ir-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbiku [L.S. 174.04]. Il-każ quddiem il-Bord ta' Reviżjoni kien dwar oġġezzjoni ta' Caruana kontra deċiżjoni tal-Kunsill Lokali tal-Marsa ["il-Kunsill Lokali"] illi jwarrab offerta tiegħu u jilqa' dik ta' *WM Environmental Limited* ["*WM*"] għal knis u tindif tat-toroq.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: kienet saret sejħa mill-Kunsill Lokali għal offerti għal "*street sweeping and cleaning using low emission service vehicles*". Il-kriterju tal-għażla kellu jkun "*the best price/quality*

*ratio* (*BPQR*)", b'dan illi t-*technical score* għandu jkollu *weighting* ta' sittin fil-mija (60%) u l-*financial score* erbgħin fil-mija (40%).

3. Fost dawk li għamlu offerta kien hemm *WM* u Caruana. B'ittra tal-14 ta' Lulju 2020 il-Kunsill Lokali għarraf lil Caruana illi l-offerta tiegħu twarrbet u kienet sejra tintlaqa' l-offerta ta' *WM*.

4. B'ittra tal-24 ta' Lulju 2020 Caruana ressaq oġġezzjoni kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni. Bid-deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2020, li minnha sar dan l-appell, il-Bord ta' Reviżjoni iddeċieda hekk dwar l-oġġezzjoni ta' Caruana:

> »This board,
>
> »Having noted the objection filed by Mr Sandro Caruana (hereinafter referred to as the Appellant) on 24th July 2020, refers to the claims made by the same Appellant with regards to the tender … … … recommended for award by Marsa Local Council (hereinafter referred to as the Contracting Authority).
>
> »… … …
>
> »Whereby the Appellants contend that:
>
> »a) … … …
>
> »b) the Authority awarded the tender to a bidder who is not compliant;
>
> »c) … … …
>
> »d) … … …
>
> »e) Appellant's offer was discriminately rejected by the Authority;
>
> »f) … … …
>
> »This board also noted the Contracting Authority's letter of reply dated 3rd August 2020 and its verbal submissions during the virtual hearing held on 31st August 2020 … … …
>
> »… … …
>
> »This board, after having examined the relevant documentation to this appeal and heard submissions made by all the interested parties, including the testimony of the witnesses duly summoned, will consider Appellant's grievances, as follows:

»1. With regard to Appellant's first grievance … … …

»2. With regards to Appellant's second contention, this board was made aware, during the hearing, that Appellant's grievance refers to the fact that, at the time of submission, the recommended bidder did not possess the vehicles … as duly stipulated in the tender document.

»2.1 This board will consider the issue of the vehicles (Equipment) by referring to clause 6.4 of section 3 (Terms of Reference) of the tender dossier as follows:

> »"6.4 – Equipment
>
> »"No equipment is to be purchased on behalf of the Local Council as part of this service contract. Any equipment related to this contract which is to be acquired by the Local Council must be purchased by means of separate supply tender procedure.
>
> »"The Contractor shall have (owned by the economic operator) the following minimum equipment:
>
> »"a) manual street sweeping equipment: hand brooms, shovels, and 120 ltr bins on wheels.
>
> »"The Contractor shall submit proof of ownership of the above, through visuals, as per literature list. The Contractor is to have access (not necessarily ownership) to the following mechanical equipment:
>
> »"a) 1 x power washer;
>
> »"b) 1 x mechanical sweeper.
>
> »"c) 1 x rain water culvert cleaning equipment;
>
> »"d) 1 x grass cutting / weeding equipment;
>
> »"e) 1 x chewing gum removing equipment;
>
> »"f) 1 x high pressure water bowser.
>
> »"The contractor shall submit proof of ownership of the above, or else proof of free access if equipment is not owned."

»2.2 The above-mentioned clause clearly specifies what is to be owned by the bidder and what machinery can be leased or be accessible. In this particular case, the recommended bidder was in possession (ownership) of the 'manual street sweeping equipment' as duly denoted in their offer.

»2.3 After reviewing the recommended bidder's offer, this board established that the recommended bidder had access to all the stipulated equipment and machinery, as duly requested in the tender dossier. At the same instance, it must also be pointed out that the bidder *i.e. WM Environmental Ltd* has available all the machinery as duly requested for the execution of the tendered works.

»2.4 This board also established that, the machinery has the necessary ERA[1] permits and other licences to be able to

[1] *Environment and Resources Authority*

operate. In this respect, it is noted that, one of the vehicles is garaged, which should be, as it is presently not utilised by the economic operator, and from the testimony of Mr Brian Farrugia from the Ministry for Transport this board was made aware that the garaged vehicle can be easily licensed to operate, so that the recommended bidder has all the machinery as duly requested in the tender document.

»2.5 This board also notes that, although some of the vehicles are registered in the name of Mr Wilson Mifsud, who is the sole owner, sole director and sole judicial representative of *WM Environmental Ltd* (the recommended bidder), the ownership of such vehicles rests with the latter company. It is also worth mentioning that *Transport Malta* will register a vehicle in the name of an individual and, in this particular case, such vehicles are in the name of the sole director, namely, Mr Wilson Mifsud on behalf of *WM Environmental Ltd*.

»2.6 … … .

»3. With regards to Appellant's third contention … … …

»4. With regards to Appellant's fourth contention … … …

»5. With regards to Appellant's fifth contention this board, after examining the evaluation process and the relative documentation presented therein, would confirm that no sign or indication of any discrimination on any particular offer could be detected, and in this regard rthis board dores not uphold Appellant's fifth contention.

»6. With regards to Appellant's sixth contention … … …

»In conclusion, this board opines that:

»a) … … …;

»b) the recommended bidder possessed all the necessary machinery … at the time of submission of his offer, as duly stipulated in the tender dossier;

»c) … … …

»d) … … …

»e) there was no indication of any discrimination on any of the offers participating in this tender;

»f) … … …

»In view of the above, this board:

» i) does not uphold Appellant's contentions;

» ii) upholds the Contracting Authority's decision in the recommendation for the award of the tender;

»iii) directs that the deposit paid by Appellant should not be reimbursed.«

5. Caruana ressaq appell minn din id-deċiżjoni b'rikors tat-2 ta' Ottubru 2020 li għalih il-Kunsill Lokali wieġeb fit-23 ta' Ottubru 2020 u *WM* wieġbet fit-28 ta' Ottubru 2020.

6. Fit-tweġiba tiegħu l-Kunsill Lokali ressaq eċċezzjoni preliminari illi l-appell ma jiswiex minħabba nuqqas ta' interess ġuridiku tal-appellant; fisser l-eċċezzjoni hekk:

> »… … … it-talba tal-appellant fil-proċeduri odjerni hija li dina l-onorabbli qorti tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Bord ta' Revizjoni u konsegwentament tilqa' l-oġġezzjoni tal-appellant. Dan ifisser li kieku *ex gratia argomenti* dan l-appell kellu jiġi akkolt, m'hu ser iwassal għal ebda utilità jew vantaġġ għall-appellant minħabba li l-offerta tiegħu ma kinitx *second placed* għal dik tal-oblatur preferut. Ikun x'ikun l-eżitu ta' dan l-appell, il-pożizzjoni tal-appellant ser tibqa' dik li hi.
>
> »Illi biex jipprova juri li għandu interess, l-appellant itenni li l-offerta tiegħu kienet orħos minn dik tal-oblatur preferut. Dan il-fatt mhuwiex wieħed kontestat ġaladarba jirriżulta minn ċifri konkreti iżda tajjeb jiġi senjalat li, konvenjentement, l-appellant jonqos milli jgħid ukoll li, jekk wieħed kellu jimxi biss fuq il-prezz, l-offerta tiegħu ma kinitx l-orħos waħda minn fost l-oblaturi kollha. … … … Mill-atti tal-proċess tat-*tender* jirriżulta illi, mit-tmien offerti li ġew sottomessi, dik tal-appellant kienet ir-raba' l-orħos, jiġifieri kien hemm tliet offerti li huma orħos minn tiegħu. … … … *In ottima ipotesi* għall-appellant, kull ma jista' jgħid huwa illi, mil-lat tal-kriterju finanzjarju, l-offerta tiegħu kienet orħos minn dik tal-oblatur preferut, u xejn iżjed. Ovvjament, madankollu, wieħed ma jridx jinsa li l-offerta tal-appellant ġiet skwalifikata minħabba karenzi serji tekniċi.«

7. Safejn l-eċċezzjoni hija msejsa fuq l-argument illi l-offerta ta' Caruana ma kinitx l-orħos waħda fost l-offerti kollha, l-eċċezzjoni hija ħażina għal żewġ raġunijiet:

8. L-ewwel raġuni hija illi l-kriterju tal-għażla ma kienx il-prezz waħdu; jista' jkun illi, meqjusa l-kriterji kollha, l-offerta ta' Caruana tkun aħjar minn dawk orħos, u għalhekk għandu interess ifittex li jħassar id-deċiżjoni li l-offerta tingħata lil *WM*.

9. It-tieni raġuni hi illi, ukoll li kieku l-kriterju kien il-prezz biss, u, wara li titwarrab l-offerta ta' *WM*, tingħażel offerta ta' terzi għax l-orħos, Caruana xorta jkun jista' jfittex li jimpunja dik id-deċiżjoni jekk jidhirlu li l-offerta magħżula kellha nuqqasijiet oħra, ħaġa li ma jistax jagħmilha f'dan l-istadju billi d-deċiżjoni li ttieħdet – u għalhekk id-deċiżjoni li jista' jattakka – hija li l-kuntratt jinħgata lil *WM*. Għalhekk għandu interess fl-appell tallum għax, jekk xorta jintgħażel ħaddieħor, ikun jista' 'l quddiem jattakka dik l-għażla wkoll.

10. Safejn iżda l-eċċezzjoni hija msejsa fuq il-fatt illi f'kull każ Caruana ma jistax jingħata l-kuntratt għax l-offerta tiegħu ġiet "skwalifikata minħabba karenzi serji tekniċi", is-sitwazzjoni hija differenti; f'dak il-każ, ukoll jekk tintlaqa' t-talba biex titħassar id-deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil *WM*, xorta dan ma jkun ta' ebda utilità għal Caruana, ladarba hemm raġunijiet biex l-offerta tiegħu titwarrab.

11. Fl-appell tiegħu Caruana qiegħed jattakka mhux biss id-deċiżjoni li tingħażel l-offerta ta' *WM* iżda wkoll id-deċiżjoni li titwarrab l-offerta tiegħu. Għalhekk, jekk għandux interess fl-appell kontra d-deċiżjoni li tingħażel l-offerta ta' *WM* jiddependi fuq l-eżitu tal-appell mid-deċiżjoni li titwarrab l-offerta tiegħu: jekk dik il-parti tal-appell tintlaqa', mela jkun hemm interess li titħassar l-għażla favur l-offerta ta' *WM*; jekk iżda dik il-parti tal-appell tiġi miċħuda, Caruana ma jikseb ebda vantaġġ, u għalhekk ma jkollu ebda interess li titħassar l-għażla tal-offerta ta' *WM*.

12. Il-qorti sejra għalhekk tqis l-aggravju dwar id-deċiżjoni li titwarrab l-offerta ta' Caruana qabel tgħaddi biex tqis l-aggravji dwar l-għażla tal-offerta ta' *WM.* Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

> »Nuqqas tal-Awtorità Kontraenti li titlob kjarifika lill-esponenti
>
> »… … …
>
> »Illi bħala punt *di partenza* jeħtieġ li ssir referenza għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ (referenza preliminari) numru 131/16, fl-ismijiet Archus sp. z o.o. and Gama Jacek Lipik *v* Polskie Górnictwo Naftowe i Gazownictwo S.A, fejn qalet:-
>
>> »"32. Lastly, as a general rule, … the contracting authority must treat tenderers equally and fairly, in such a way that ... does not appear unduly to have favoured or disadvantaged the tenderer or tenderers".
>
> »Fil-każ odjern l-awtorità kontraenti irrifjutat l-offerta tal-appellant Sandro Caruana … … … sempliciment għaliex
>
>> »"The bidder did not provide logbook of mechanical sweeper and the letter submitted is not enough proof of ownership or access".
>
> »Illi fid-dokument tas-sejha, fil-*literature list* hemm imniżżel is-segwenti:-
>
>> »" Literature List-
>>
>> »"Item 1.3 Copy of vehicle logbook of mechanical sweeper".
>
> »Fit-*Terms of Reference* hemm imniżżel is-segwenti:
>
>> »"Section 3 – Terms of Reference – 6.4
>>
>> »"[…] The contractor shall submit proof of ownership of the above, or else proof of free access if equipment is not owned."
>
> »Illi fid-dawl tal-premess ma kien hemm ebda rekwiżit da parti tal-esponenti li jissottometti mal-offerta tiegħu kopja tal-*logbook* u dan peress li t-*Terms of Reference* tagħmilha ċara li "*proof of free access* is *sufficient*".
>
> »*Di più*, anke jekk *dato non concesso* kien hemm il-ħtieġa li jiġi sotto-mess il-*logbook*, il-*Literature List* hija ikklassifikata bħala "*NOTE* 2" li tgħid "*2. Tenderers will be requested to either clarify/rectify any incorrect and/or incomplete documentation, and/or submit any missing documents within five (5) working days from notification*".
>
> »Għalhekk, jekk id-dokumentazzjoni sotomessa mill-esponenti ma kintix a sodisfazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni, l-istess bord kellu l-obbligu li jitlob kjarifika mingħand l-esponenti fejn jitolbu jissottometti d-dokumentazzjoni li ħass li kienet nieqsa.
>
> »… … …
>
> »Fid-dawl ta' dan huwa evidenti li l-Awtorità Kontraenti ippreġudikat lill-esponenti meta ippennalizzatu talli ma issottomettiex *logbook* ta' vettura li kien sejjer jagħmel *reliance* tagħha [*recte*, fuqha] u lanqas talbitu sabiex jissottomettihom.«

13. Igħid ħażin Caruana illi hu biżżejjed li jkun hemm xiehda ta' disponibilità jew *proof of free access*. Il-prova ta' disponibilità ssir billi tinġieb xiehda li sid l-apparat lest jagħmlu disponibbli għall-oblatur, iżda xorta tkun trid issir il-prova li min qiegħed juri din id-disponibilità jista' jagħmel hekk għax huwa tassew is-sid, u din il-prova ssir billi jintwera l-*logbook*.

14. Qiegħed igħid sew iżda illi l-kumitat tal-għażla kellu jagħtih żmien jipproduċi l-*logbook* kif igħidu u jridu l-kondizzjonijiet tas-sejħa dwar "*missing documents*". Caruana ma ngħatax din il-fakoltà u għalhekk l-offerta tiegħu ma kellhiex titwarrab jekk mhux wara li jkun għadda inutilment iż-żmien li kellu jingħata biex jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas.

15. L-appell ta' Caruana safejn qiegħed jikkontesta d-deċiżjoni li titwarrab l-offerta tiegħu għalhekk għandu jintlaqa'.

16. Dan ifisser li għandu interess jikkontesta wkoll id-deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil *WM*, u l-eċċezzjoni relativa tal-Kunsill Lokali hija għalhekk ħażina. Ifisser ukoll illi, irrispettivament mill-eżitu tal-aggravji l-oħra dwar l-offerta ta' *WM*, l-għażla għandha f'kull każ titħassar ladarba inġustament twarrbet l-offerta ta' Caruana qabel ma dan ingħata ż-żmien li trid il-liġi biex jippreżenta d-dokumenti nieqsa.

17. Madankollu, billi wħud mill-aggravji jolqtu l-validità tal-offerta ta' *WM*, jibqa' meħtieġ li nqisu dawk l-aggravji biex jiġi determiat jekk, fil-proċess tal-għażla li għandu jsir mill-ġdid, għandhiex titqies ukoll l-offerta ta' WM jew għandhiex titwarrab minn issa.

18. Ngħaddu mela biex inqisu ż-żewġ aggravji l-oħra ta’ Caruana, li jolqtu d-deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil *WM*. L-ewwel aggravju ġie mfisser hekk:

> »… … … l-oblatur *WM Environmental Ltd* issottomettiet vetturi li ma humiex proprjetà tagħha. Numru ta’ vetturi huma proprjetà ta’ Wilson Mifsud f’ismu proprju u vettura oħra hija proprjetà ta’ Rocco Mifsud f’ismu proprju. L-ebda vettura ma kienet reġistrata fuq il-kumpannija.
>
> »Mid-dokumentazzjoni sottomessa mill-oblatur *WM Environmental Ltd* ma jirriżultax ness legali bejn l-offerent preferut u Wilson Mifsud u Rocco Mifsud peress illi fl-offerta r-relazzjoni bejn l-offerent preferut, u *cioè* s-soċjetà *WM Environmental Ltd*, u s-sidien tal-vetturi ma ġietx stabilita.
>
> »… … …
>
> »Primarjament jingħad illi huwa prinċipju stabilit li kumpannija għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha.
>
> »… … …
>
> »Għalhekk il-kumpannija *cioè* s-soċjetà W*M Environmental Ltd* hija *ex hypotesi a distinct legal persona* minn dik ta’ Wilson Mifsud, irrispettivament mill-kariga, rwol jew kontroll li huwa għandu jew jista’ għandu. Għaldaqstant in-ness legali bejn l-offerent u s-sidien tal-vetturi la ġie ippruvat u wisq [*sc.* inqas] ikkjarifikat.
>
> »*Di più, dato non concesso* li vetturi li ma humiex f’isem kumpannija iżda f’isem personali tad-direttur tagħha jissodisfa r-rekwiżiti tas-sejħa, jibqa’ l-fatt li l-vettura WML 100 hija fuq isem Rocco Mifsud li ma għandu assulutament ebda konnessjoni (ness legali) mal-offerent preferut. Għal xi raguni l-bord injora kompletament dan il-fatt u pproċeda sabiex jiċħad l-appell tal-esponenti.
>
> »B’hekk huwa evidenti li l-konklużjoni tal-bord hija manifestament żbaljata. Hekk kif xehed ir-rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f’Malta, l-ebda vettura ma kienet reġistrata fuq is-soċjetà intimata u b’hekk il-bord ma seta’ qatt jikkonkludi li l-vetturi tad-direttur huma proprjetà tal-kumpannija u dan peress li huma żewġ persuni separati u distinti.
>
> »Lanqas seta’ l-bord ikun sodisfatt li l-vettura ta’ Rocco Mifsud hija proprjeta tal-kumpannija u dan peress li lanqas hemm ebda ness bejn dan l-indivdwu u l-kumpannija.
>
> »Fil-każ odjern l-offerent preferut kellu jissottometti prova tad-disponibilità tar-riżorsi tat-terz … Tenut kont li din is-sejħa għal offerti kienet waħda ’l fuq mil-limitu (*above threshold*) kien jeħtieġ li kull offerent mal-offerta tiegħu jissottometti l-*ESPD* (*European Single Procurement Document*). Fl-istess dokument, fost sensiela ta’ informazzjoni ulterjuri, kull offerent irid jiddikjara jekk fl-eventwalità li huwa jkun l-offerent ippreferut:

> »i) jekk huwiex se jkun qiegħed jingaġġa sottokuntrattar biex joffri s-servizz li għalih qiegħed jissottometti l-offerta, u jindika il-persentaġġ ta' dan; u
>
> »ii) jekk huwiex se jkun qiegħed jiddependi (*reliance*) fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, irrelevanti min-natura legali tar-rabtiet li għandu magħhom.«

19. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ C-176/98 *Holst Italia spa v.* Comune di Cagliari qalet illi:

> »29. … where, in order to prove its financial, economic and technical standing with a view to being admitted to participate in a tendering procedure, a company relies on the resources of entities or undertakings with which it is directly or indirectly linked, whatever the legal nature of those links may be, it must establish that it actually has available to it the resources of those entities or undertakings which it does not itself own and which are necessary for the performance of the contract.«

20. Dan huwa wkoll rifless fir-reg. 235 tal-L.S. 174.04:

> »**235.** (1) Fir-rigward tal-kriterji relatati … mal-abbiltà teknika jew professjonali kif stabbilit skont ir-regolamenti 222 u 223, operatur ekonomiku jista', fejn dan ikun adegwat u għal kuntratt partikolari, jiddependi fuq il-kapaċitjiet ta' entitajiet oħra, irrilevanti min-natura legali tar-rabtiet li għandu magħhom. … … … Meta operatur ekonomiku jkun irid jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, dan għandu jagħti prova lill-awtorità kontraenti li huwa ser ikollu r-riżorsi meħtieġa għad-dispożizzjoni tiegħu, pereżempju, billi jippreżenta impenn minn dawk l-entitajiet għal dan il-għan.«

21. Il-Kunsill Lokali wieġeb illi:

> »… … … fil-mori tas-smigħ quddiem il-bord ġie rilevat ukoll li fil-prattika tagħha l-Awtorità għat-Trasport f'Malta dejjem tirreġistra l-vetturi fuq isem u numru tal-identità ta' persuni naturali *nonstante* li dawn ikunu attwalment inxtraw b'fondi ta' soċjeta kummercjali. Dan isir, fost raġunijiet ohra, minħabba skopijiet ta' infurzar u responsabilità penali. Ġeneralment, il-persuna naturali msemmija tkun direttur jew uffiċjal ieħor tal-kumpannija kif fil-fatt jiffigura Wilson Mifsud. Dan il-fatt ġie aċċettat mill-bord li kellu l-arbitriju dwar il-fatti.«

22. Quddiem il-Bord ta' Reviżjoni xehed direttur tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u ma qal xejn minn dak li l-Kunsill Lokali jgħid illi qal. F'kull każ, jekk kien leċitu u raġonevoli għall-Bord ta' Reviżjoni li jassumi li l-vetturi reġistrati f'isem Wilson Mifsud ikunu disponibbli għal *WM*

appuntu għax Wilson Mifsud huwa direttur tagħha, ma jistax jingħad l-istress għall-vettura reġistrata f'isem Rocco Mifsud. Tassew illi Rocco Mifsud huwa missier Wilson, iżda din ir-relazzjoni ma hijiex biżżejjed, għax il-liġi trid illi ssir prova tal-impenn "irrilevanti min-natura legali tar-rabtiet" bejn min għandu l-mezzi u l-oblatur li jrid jinqeda bihom[2].

23. Dan ma jfissirx li l-offerta ta' *WM* għandha titwarrab minħabba f'hekk. Ifisser iżda li hemm dokumenti nieqsa u, hekk kif Caruana kellu jingħata żmien biex jipproduċi l-*logbook* nieqes, *WM* għandha wkoll, fil-proċess tal-għażla li għandu jsir mill-ġdid, tipproduċi d-dokumenti nieqsa biex tagħmel il-prova li jrid ir-reg. 235 tal-L.S. 174.04.

24. F'dan is-sens l-aggravju ta' Caruana sejjer jintlaqa'.

25. It-tieni aggravju huwa msejjes fuq l-argument illi kull offerta għandha tibqa' torbot lil min jagħmilha sa disgħin jum wara li jagħlaq iż-żmien biex isiru offerti, u ġie mfisser hekk:

> »… … … il-*General Rules Governing Tenders* tagħmilha ċara fi klawżola numru 8 li:
>
> > »"Tenders must remain valid for a period of 90 days after the deadline for submission of tenders indicated in the contract notice, the procurement document or as modified in accordance with Clause 10.1. Any tenderer who quotes a shorter validity period will be rejected."
>
> »Illi d-data tal-għeluq tal-offerti kienet it-30 ta' Marzu 2020 u għalhekk 90 jum wara dik id-data jkun it-28 ta' Ġunju 2020. Fil-każ odjern l-offerta tal-obaltur *WM Environmental Ltd* ma tistax titqies li osservat din ir-regola. Dan għaliex vetturi li ġew sottomessi mill-istess soċjetà/ oblatur (li ma humiex proprjeta tal-oblatur) kienu jew *garaged* fid-data tas-sottomissjoni tal-offerti u/jew skadiet il-liċenzja tal-vettura ftit tal-jiem wara s-sottomisjoni u l-licenzja ma ġietx imgedda. … … …
>
> »… … …

2 Ara s-sentenza ta' din il-qorti tad-9 ta' Marzu 2020 *in re* Sultech & Co. *V.* Ministeru għal Għawdex *et*, para. 30 *et seq.*

»Illi mill-premess jirriżulta li l-offerta sottomessa mill-oblatur *WM Environmental* lanqas ma baqgħet valida waqt it-terminu tad-90 jum.«

26. Kif sewwa osserva *WM* fit-tweġiba tagħha, iżda, il-klawsola 8.1 tal-*general rules governing tenders* ma hijiex maħsuba għal sitwazzjoni bħal dik imsemmija fl-aggravju iżda hija maħsuba biex toħloq obbligazzjoni fuq l-oblatur li ma jiħux lura l-offerta qabel ma jkunu għaddew disgħin jum mid-data tal-għeluq tal-offerti.

27. F'kull każ, imbagħad, il-fatt li xi vetturi ġew *garaged* jew ma ġġedditil-homx il-liċenza hija biss miżura ekonomika biex ma jintefqux flus fuq liċenzi sakemm il-vetturi ma humiex qegħdin jintużaw. Ir-rappreż-entant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta fisser li kull ma hu meħtieġ biex il-vetturi terġa' tinħarġilhom il-liċenza huwa proċess amministrativ ta' ftit ħin li ma għandux ikun ta' ostakolu.

28. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

29. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell ta' Caruana billi tħassar id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni tal-15 ta' Settembru 2020 u tħassar ukoll id-deċiżjoni li tintgħażel l-offerta ta' *WM*; tordna li l-proċess tal-għażla tal-offerta jsir mill-ġdid b'dan li l-offerti kemm ta' Caruana u kemm ta' *WM* jitqiesu wara li ż-żewġ oblaturi jkunu ngħataw iż-żmien li jridu l-kondizzjonijiet tas-sejħa biex jipprovdu d-dokumenti msemmija fil-para. 14 u 23 ta' din is-sentenza.

30. L-ispejjeż tal-appell jinqasmu hekk: *WM* tħallas l-ispejjeż tagħha u l-Kunsill Lokali jħallas l-ispejjeż l-oħrajn kollha. Id-depożitu li għamel

Caruana biex seta’ jressaq l-oġġezzjoni tiegħu quddiem il-Bord ta’ Reviżjoni għandu jintradd lilu.

Mark Chetcuti
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm